MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

## GUDIKATUR DR.
## ANTHONY ELLUL

Seduta tat-30 ta' Mejju, 2003

Talba Numru. 671/2003

**Paul Buhagiar**

**Vs**

**Raymond Galea**

**It-Tribunal,**

Ra l-avviz tat-talba li permezz tieghu l-attur talab il-hlas tas-somma ta' erba' mitt lira Maltija (Lm400) kera ghal sentejn ta' garaxx f'Haz Zebbug, liema garaxx huwa mikri lill-konvenut ghal kera ta' Lm200 fis-sena.

Ra li mill-atti jirrizulta li ghalkemm il-konvenut gie debitament notifikat bl-avviz, ma kkontestax il-kawza fit-terminu preskritt mil-ligi u ma deherx ghas-seduti.

Semgha x-xhieda ta' l-attur.

Ghaldaqstant, peress illi t-talba tas-socjeta attrici tirrizulta sodisfacentement ippruvata, u wara li ra l-Artikolu 13(b)

tal-Att V tal-1995, it-Tribunal jilqa' t-talba u jikkundanna lill-konvenut ihallas is-somma ta' erba' mitt lira Maltija (Lm400), bl-imghax mid-data tan-notifika ta' l-avviz tat-talba.

L-ispejjez huma ghak-karigu tal-konvenut.

**Avukat Dr. Anthony Ellul**
**Gudikatur.**

--------------------------------TMIEM--------------------------------